# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **6** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 15 ta' Dicembru, 2009, fis-6.30pm.**

## ***L-Ewwel Seduta***

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Vici Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur John Baptist Camilleri |
| | Is-Sinjura Carmen Fearne |
| | Is-Sur Lawrence Ciantar |
| | Is-Sur Jesmond Mugliett |
| | Is-Sur Daniel Spiteri (daħal fis-7.00pm.) |
| | Is-Sur Sandro Gatt |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |
| **Skuzat** | Is-Sur George Farrugia |

## ***Aġenda***

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet
4. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Aġġudikazzjoni tat-Tender MLC 2009/06 – Supply & Installation of Litter Bins and Benches.
8. Ċelebrazzjonijiet għall-istaff u Bibita tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.
9. Approvazzjoni ta' Impieg ta' Skrivana.
10. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Joseph Caruana

## 1.0 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.*

### 1.1 *Laqgħa Nru. 5(1) tal-15 t'Ottubru 2009*

1.1.1 Is-Sur Joseph Mercieca, resident preżenti għall-laqgħa offra li jagħmel ir-*racks* tal-kotba li ma sibniex nixtru.

1.1.2 Il-Kunsill approva li para.1.2.5 għandu jaqra hekk: "Fir-rigward ta' para.3.5 is-Sindku qal li kienu qablu fil-laqgħa mas-Surmat ta' l-Iskola li għandhom isiru żewġ *junctions* u l-karozzi m'għandhomx jitħallew jitilgħu quddiem l-Iskola fil-ħinijiet indikati hawn taħt.

Ħinijiet tax-xitwa : mit-8.00a.m sa 8.45a.m<br>mis-1.45p.m sa 2.30p.m<br>Ħinijiet tas-sajf : mit-8.00a.m sa 8.45a.m<br>Mil-11.15a.m sa 12.00p.m

Is-Sindku qal li fl-interess tat-tfal tal-komunita` tagħna li jattendu l-Iskola Primarja tal-lokal, il-Kunsill qabel unanimament illi peress li hemm periklu kbir, f'din l-akwata isiru l-imsemmija *junctions* u tabelli tal-parkeġġ bil-ħinijiet imsemmija għaliex li kieku kellna nistennew l-approvazzjoni min-naħa tal-ADT żgur li konna nieħdu fit-tul. Nagħmila ċara li din mhux qed issir bi sfida, iżda biex wieħed jevita xi nċident fatali fejn l-iskola msemmija

Għaldaqstant il-Kunsill ordna lis-Segretarju Eżekuttiv biex isir ix-xogħol.

1.1.3 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill għandu dritt li jordna lis-Segretarju Eżekuttiv fir-rigward ta' para. 1.2.5 tal-laqgħa Nru 5(1).

1.1.4 Dan il-paragrafu ġiet ikkanċellata

1.1.5 Is-Sindku qal li hu fl-ebda ħin ma dar lejn il-Viċi Sindku u qallu b'leħen għoli biex imorru 'l barra u ngħalqu l-lqagħa iżda meta beda jara l-arroganza u ras iebsa u stinata tas-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Viċi Sindku u qallu "jien ma dan is-Segreatrju Eżekuttiv ma nistax naħdem u jekk trid mexxi l-laqgħa int".

1.1.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien kiteb il-minuti wara li sema d-diskors minn fuq ir-recorder (tape) u d-diskors li hemm miktub instema ċar. Is-Sindku kien jaf li s-Segretarju mhux qed jgħid il-verita` u b'hekk sfidaħ biex isemma it-*tape* lill-Kunsilliera preżenti iżda r-risposta tas-Segretarju kienet li kien ħassru.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal fis-7.00p.m.***

1.1.7 Is-Sindku qal li hu fl-ebda ħin ma qal li l-laqgħa kienet magħluqa. Hu qagħad jistaqsi lill-Kunsilliera wieħed wieħed jekk dan hux minnhu u huma kkonfermaw li hu (s-Sindku) ma kien qatt qal li l-laqgħa kienet magħluqa.

1.1.8

Wara konsiderazzjoni il-Kunsill appova l-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmawhom.

1.2 ***Laqgħa Nru.5(11) tad-29 t'Ottubru, 2009***

1.2.1 Il-Viċi Sindku, s-Sur Charlot Mifsud qal li hu preżenta statement finanzjarju tal-Coffee Morning li ġie organiżżat għall-anzjani fl-14 ta' Diċembru 2009.

1.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-Coffee Morning tas-27 ta' Novembru 2009, li sar fis-Sala tal-Knisja. Hu ddikjara li aġenta li kienet qed tbiegħ il-biljetti naqset għal xi raġuni li tħallas is-somma ta' € 195 li huma flus li suppost jidħlu mill-bejgħ tal-biljetti. Is-sindku qal li dan kien każ pjuttost ftit delikat u ma kienx ħin li jiġi diskuss dak il-ħin għax ma kienx il-waqt. Is-Sindku qal ukoll li kienn għaddej f'diskussjoni mal-persuna kkonċernata biex wieħed jasal għall-arranġament u l-flus(€195) jiġu rifonduti fil-kont tal-Kunsill.

1.2.3 Il-Viċi Sindku, s-Sur Charlot Mifsud qal li l-ħarġa ta' Selmun li kellha ssir illum ma saritx.

1.2.4 Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Ciantar qal li fil-laqgħa kien staqsa għaliex il-kont Nru. 67 ta' Mirage Sound System kien daqshekk għoli. Hu qal li dak in-nhar is-Sindku kien qallu li fl-aħħar laqgħa li kien ser jistqasi lis-Sur Lafred Debono iżda irriżulta li fil-fatt dan qallu li s-servizz ta' Chiara ma kienx nkluż fil-kont tal-Mirage Sound System. Is-Sur Alfred Deboni qallu ukoll li anzi ħdejn ħaddieħor, dan huwa irħis u kien hemm żmien fejn kellna attivitajiet fejn l-istess kuntrattur kien ta' servizz tiegħu mingħajr ħlas

1.2.5 Wara konsiderazzjoni l-Kunsill approva l-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku u s-Segretarju iffirmawhom.

Il-Kunsill ħallas is-servizz ta' l-attivitajiet li l-membri tal-MUSEUM tellgħu fid-dar ta' l-Anzjani ġewwa l-lokal tagħna. Din swiet €160.

1.3 ***<u>Laqgħa Nu.5(111) tas-26 ta' Novembru 2009.</u>***

1.3.1 Il-Kunsillier, is-Sur John Baptist Camilleri qal li t-tieni paragrafu ta' para.3.2, għandu jaqra hekk : 'Is-Sur John Baptist Camilleri irrimarka biex <u>jerġa</u> jsir double yellow line mal-kantuniera ta' Triq tal-Gardiel ma Triq in-Nadur.

Il-Kunsill approva.

1.3.2 Il-Kunsill approva li tiżdied din is-sentenza fl-aħħar ta' para 5.4 'Il-Kunsill qabel unanimament'.

1.3.3 Il-Kunsill approva li tiżdied din is-sentenza fl-aħħar ta' para 3.6 ' Il-Kunsillier is-Sur Jemond Mugliett qal li hu f'dan l-aħħar xahar kien ħadem ma l-ADT fuq dan.

1.3.4 Ġie approvat mill-Kunsill li para. 5.3 għandu jaqra hekk: 'Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li l-kollettur tal-iskart jista' jżid is-servizz ta' nhar ta' Ħadd billi fix-xitwa jingħata l-istess servizz tas-Sajf. L-ispiża hija ta' €30 kull ġimgħa biex jingħata dan is-servizz.

1.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar dwar para. 5.5, qal li l-ELC kienu bagħtu kont ta' € 5,900 fuq xogħolijiet extra li huma kienu għamlu. Hu qal li kien irrifjuta li jiċċertifikaħ għax ix-xogħolijiet li kienu għamlu kienu kollha nklużi fil-kuntratt. Ftit ilu s-Sindku ċempillu u qallu li kienu bagħatulu xi ritratti tax-xogħolijiet li għamlu. Hu ddikjara li dawn ix-xogħolijiet mhux lest li japprovhom għax huma nklużi fil-Kuntratt. Is-Sindku kjarifika li kien ċempillu Dr.Cuschieri u qallu li jrid jiltaqa' magħna.

Hu kompla billi qal li sar diskors ukoll biex naraw xi xtieli minn tagħhom u avża lill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u wara l-Kunsilliera kollha.

1.3.6 Intqal li l-ELC għamlu kampjun billi ħawlu xi xtieli f'waħda mill-qsari li hemm fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex imorru jarawha u jikkumentaw fuqha.

1.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippreżenta stima ta' dawn ix-xtieli. Is-Sindku ħeġġeġ biex nordnawhom u wara napplikaw għall-fondi mingħand il-U.I.F. tal-MEPA. Sar qbil unanimu dwar dan. Il-kwotazzjoni kienet tammonta għall-€1811 u l-Kunsill qabel li nordnawhom minn għandhom għax hu l-kuntrattur tagħna u għaldaqstant m'hemmx bżonn toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

1.3.8 Kowtazzjoni oħra li għandha tiġi trattata l-istess kienet dwar xogħolijiet ħdejn il-Knisja l-ammont hu ta' €1628.

1.3.9 Wara konsiderazzjoni l-Kunsill approva l-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmawhom.

## 2.0 ***Ħlasijiet***

### 2.1 ***Ħlasijiet b'urġernza***

Ġiet preżentat lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No.* | *€* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Lourdes Service Station** | Diesel for Van | 27/11/09 | | 30.00 |
| 2. | **Selves** | Petty Cash | | | 216.54 |
| 3. | **R&A Waste Services Ltd.** | Refuse Collection – November 09 | 9/12/09 | | 9,764.85 |
| 4. | **Mr. Josef Pace** | Aerobics | 9/12/09 | | 2,000 |
| 5. | **MITA** | E-mail accounts | 27/11/09 | | 29.05 |
| 6. | **Maltapost Plc** | 500 stamps | 14/12/09 | | 95.00 |
| 7. | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 15/12/09 | | 30.00 |

Il-Kunsill approva unaniment

### 2.2 **Ħlasijiet bi kreditu :**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu biex jiġu approvati għall-pagamenti.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | *€* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Mr.Sandro Gatt** | Gozo Fare – 5/11/09 | | | 4.65 |
| 2. | **In Design (Malta) Ltd.** | 2 Jacket Aprilla | 26/11/09 | 24417 | 381.98 |
| 3. | **Media Today** | Tender Advert MLC 2009/06 | 15/11/09 | 009004 | 113.28 |
| 4. | **Melita Cable** | Cable-December 09 | 30/11/09 | 27854816 | 15.52 |
| 5. ◆ | **Ronald Bezzina** | Grass Cutting NUR – October 09 | 30/10/09 | 22 | 973.94 |
| 6. ◆ | **Ronald Bezzina** | Street Sweeping – October 09 | 30/10/09 | 22 | 3,577.53 |
| 7. | **Go** | 21632861/21633887/ 21637171 | 03/12/09 | 22955987 | 178.53 |
| 8. | **Go** | 21637744 | 03/12/09 | 22955989 | 26.26 |
| 9. | **Image Systems Ltd.** | Photocopier Rent – Ocober 09 | 31/10/2009 | Rent/035637 | 72.28 |
| 10. | **Med Design Associates** | Professional Fees – Pavement Triq Ghar ix-Xamgha | 27/11/09 | 25100-01-01 | 36.98 |
| 11. | **Med Design Associates** | Professional Fees – Ramp & Stairs Triq iz-Zonqor | 27/11/09 | 25100-01-01 | 176.64 |
| 12. | **Ufficju Parrokjali** | Kiri ta' Sala – Coffee Morning -27/11/09 | 30/11/09 | | 222.00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 13. ◆ | **Insigna** | Name Badges | 30/11/09 | 9124 | 70.87 |
| 14. | **Ms.F.Vento** | Flower Arrangement-<br>Coffee Morning 27/11/09 | 1/12/09 | | 23.62 |
| 15. | **Mrs.Mary Spiteri** | Stationery – Coffee Morning 27/11/09 | | | 44.10 |
| 16. | **Mr.Mario Calleja** | Fuel Expenses<br>Oct/Nov/Dec 09 | | | 87.36 |
| 17. | **Standard Publications** | Tender Advert-MLC 2009/06 | 15/11/09 | 68933 | 93.46 |
| 18. | **Cleansing Services Dept.** | Public Convenience – November 09 | 2/12/09 | 110557 | 634.01 |
| 19. | **Joseph P.Pavia** | Christmas Crib | | | 20.00 |
| 20. | **Mobisle Communications Ltd.** | Mobile Calls – October 09 | 26/11/09 | RB-410590-2009 | 521.25 |
| 21. | **Media Link Comm. Ltd.** | Tender Advert MLC 2009/06 | 30/11/09 | 042549 | 203.91 |
| 22. | **Wasteserv Malta Ltd.** | Hire of Bins – October 09 | 25/11/09 | 52876 | 296.59 |
| 23. | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Road Markings –<br>Junction Box Triq ix-Xatt | 18/11/09 | 12196 | 164.25 |
| 24. | **Ms.Antoinette Sant** | Librarian – November 09 | | | 90.84 |
| 25. ◆ | **Karmig Ltd.** | Pavement Triq Ghar ix-Xama | 25/11/09 | 25100-01-27 | 1,190.83 |
| 26. ◆ | **Karmig Ltd.** | Ramp and stairs –<br>Triq iz-Zonqor | 25/11/09 | 25100-01-28 | 5,688.42 |
| 27. | **Mrs. Carmen Fearne** | Day outing for M'Skala families | 21/11/09 | | 44.10 |
| 28. | **Mrs. Carmen Fearne** | Disposable cups for coffee | 1/12/09 | | 1.20 |
| 29. | **Mrs. Carmen Fearne** | Electric kettle to be used craft lessons | 5/11/09 | | 12.99 |
| 30. | **IT & T Ltd** | ADSL | 16/12/09 | 17070 | 27.48 |
| 31. | **Union Print** | Advert | 30/11/09 | AI001466 | 82.69 |
| 32. | **Faces Displays** | Removal and relocation of bus shelter at Triq tal-Gardiel | 09/12/09 | SIN003318 | 1,652.00 |
| 33. | **CVA** | Entering Valletta | 01/12/09 | 501305595 | 2.46 |
| 34. | **Mr. John B.Camilleri** | Fuel Expenses | Nov 09 | | 32.76 |
| 35. | **Bitmac** | Instant bags repair | 30/11/09 | 11547 | 192.34 |
| 36. | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 10/12/09 | 293698 | 235.15 |
| 37. | **Med Design** | Professional Fee | 10/12/09 | 30003277 | 50.00 |
| 38. | **Med Design** | Professional Fee | 14/12/09 | 30003289 | 24.85 |
| 39. | **Med Design** | Professional Fee | 14/12/09 | 30003288 | 70.18 |
| 40. | **Med Design** | Professional Fee | 14/12/09 | 30003287 | 49.86 |
| 41. | **Med Design** | Professional Fee | 14/12/09 | 30003286 | 8.17 |
| 42. | **Midas** | Phone Cards | 11/12/09 | 2714669 | 225.00 |
| 43. | **R & A Waste Service Ltd** | Open Skip | 30/11/09 | 8357 | 94.40 |
| 44. | **Mr. Joseph Doublet** | Tyres | 4/12/09 | | 218.00 |
| 45. | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Wardens | 04/12/08 | JC-008/MSA | 4,925.64 |
| 46. | **Mr. George Farrugia** | Fuel Expenses | Nov-Dec 09 | | 50.96 |
| 47. | **Advanced Tele. System** | Toner | 7/12/09 | 40961 | 259.60 |
| 48. | **Mrs. Sharon Schembri** | Fuel Expenses | Nov 09 | | 7.28 |
| 49. | **Mr. Mario Calleja** | Frames in Office | 11/12/09 | | 48.30 |
| 50. | **Golden Gate** | Recycled Paper | 10/12/09 | 339332 | 177.00 |
| 51. | **Vodafone** | Personal internet connection | 01/12/09 | 000177968312 2009 | 23.97 |
| 52. | **Oasis Ironmongery** | Consumables | Nov 09 | | 48.16 |
| 53. | **CVA** | Entering Valletta | 13/05/09 | 51076850 | 5.82 |
| 54. | **Ronald Bezzina** | Grass Cutting – Alley between Triq il-Mahsel & Triq il-Qaliet | 30/11/09 | 28 | 50.00 |
| 55. | **Ronald Bezzina** | Street Sweeping and Grass Cutting in UR | 30/11/09 | 23 | 3577.53 |
| 56. | **Ronald Bezzina** | Grass Cutting in NUR | 30/11/09 | 23 | 177.08 |
| 57. | **Ronald Bezzina** | Bulky Refuse | 30/11/09 | 2 | 1560.38 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 58. | **Karmig Ltd** | Construction of mountable mini-roundabout between Triq Vajrita and Triq is-Sliem | 14/12/09 | 25100-01-31 | 800.31 |
| 59. | **Karmig Ltd** | Various Works | 14/12/09 | 25100-01-30 | 2260.04 |
| 60. | **Karmig Ltd** | Pavement works in Triq tal-Gardiel | 14/12/09 | 25100-01-29 | 1605.80 |
| 61 | **Wasteserv Malta ltd** | Hire of bins | 14/12/09 | 53735 | 287.02 |
| 62. | **Wasteserv Malta Ltd** | Landfill expenses | 11/12/09 | 53702 | 5063.17 |
| 63. | **The Roadhouse Buskett** | Coffee Morning | 12/11/09 | 0436 | 276.00 |

Il-Kunsill approva unaniment il-pagament tal-kontijiet t'hawn fuq.

3.0 ***Korrispondenza :***

3.1 **Children's Playground Equipment - (35/4727/09) :**

Il-kumpanija M-Quip talbet biex isir appuntament biex jiġu diskussi paragrafi 16 u 20 tad-dokument tat-tender. Huma żammew id-dritt li jitolbu 8% interessi fuq il-bilanċ li fadal.

Wara diskussjonijiet il-Kunsill unanimament approva li jħallas kwart tas-somma totali (€3000) biex b'hekk ikun fadal parti li tkopri x-xogħol li għandu jsir u li għadu ma sarx għax qed nistennew il-permess tal-MEPA.

3.2 **Waste Serv.- (35/3751/09) :**

Il-Wasteserv talbet lista ta' toroq/traffic island/roundabout li l-Kunsill jixtieq li jiġu mantenuti minnhom għas-spejjeż tagħhom. Dan qed isir bħala apprezzament għall-fatt li għandhom il-faċilitajiet tagħhom fil-lokalita' ta' Marsaskala.

Ġie ssuġġerit li nipproponu dawn it-toroq : Tal-Gardiel, Granmastri, Cervjola, l-Iskal, Qaliet u l-Bajja.

Il-Kunsill approva.

- ***Fuq suġġeriment tas-Sindku il-Kunsill approva li qatt m'għandhom jinfetħu ittri li jkunu ndirizzati personalment lejn xi Kunsillieri partikolari, iżjed u iżjed meta dawn ikunu 'private and confidential'. Is-Sindku qal ukoll li ma kienx qiegħed jirreferi għall-ittri li jiġu l-Kunsill indirizzati lis-Sindku Kunsill Lokali Marsaskala.***

3.3 **<u>Talba għall-donazzjoni - (35/4001/09) :</u>**

Il-Kap tal-iskola St.Thomas Moore College taż-Żejtun talbet għall-donazzjoni fi flus invista li f'din l-iskola hemm studenti minn Marsaskala. B'dawn il-fondi l-iskola tkun tista' tixtri xi stationery lill-istudenti bi problemi finanzjarji.

Il-Kunsill approva li niktbulhom u ninfurmawhom li l-Kunsill ikun jista' joffri biss xi photocopies bla ħlas iżda mhux li jingħataw flus mill-Kunsill. Wara kollox din tmur kontra kull proċedura fil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

3.4 **<u>Posta għall-bejgħ ta' ħelu - (35/4081/09) :</u>**

Is-Sur Joseph Caruana minn Cospicua talab lill-Kunsill biex jingħata permess ta' posta biex ibiegħ xi ħelu ecc. quddiem il-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsill approva li permessi bħal dawn jinħarġu biss fil-festa tal-lokal u għaldaqstant għandna ninfurmaw lis-Sur Caruana b'dan.

3.5 **<u>Triq bla isem - (35/4096/09) :</u>**

Il-Kumitat għat-tismija tat-toroq talab lill-Kunsill biex jagħti isem lil Triq ġdida fi Triq ir-Rummien.

Il-Kunsill approva li din it-Triq għandha tissemma 'Triq il-Lewż' biex tkun taqbel ma l-isem tat-toroq tal-viċinanzi.

3.6 **<u>Proposta tal-Wasteserv - (35/4807/09) :</u>**

Il-Wasteserv għamlet proposta lill-Kunsill biex nibdew sistema ġdida u jiġi ffirmat kuntratt biex nikru s-separation bins li għandna f'Marsaskala. La darba jiġi ffirmat dan il-kuntratt, il-Kunsill jista' jibda jibbenifika minn *rebate* għal kull tunnellata skart li jiġi miġbur mill-bins u depożitat fil-faċilitajiet tagħhom mill-kuntrattur. Dan jinkludi wkoll il-ġabra ta' kull nhar ta' Tlieta.

Dawn iż-żewġ *rebates* jikkwalifikaw biss jekk il-kuntrattur ikun qed jipparteċipa f'*compliance scheme*. Il-Kunsill approva unanimament li niktbulhom biex issir laqgħa bejnietna.

4.0 ***Mistoqsijiet :***

4.1 ***Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#007-9/12/09):***

*"Jistaqsi, dwar ittra 35/2748/09 jekk sarx rapport lid-Dipartiment tal-Gvern. Storm water department dwar l-għarar tal-ilma fi Triq l-Aħmar jibqa nieżel fi Triq il-Kanella għal ġol-garaxx tas-Sinjura C.Zahra. Meta sar u d-data tar-rapport?"*

***Risposta :***

Fit -22 ta' Ottubru 2009 kien sar ilment mal-WSC dwar ilma tax-xita b'riħa ta' drenaġġ li kien qed jispiċċa fil-garaxx tas-Sinjura Carmen Spiteri li toqgħod fi Triq il-Kannella

4.2 ***Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#008-9/12/09):***

*"Jistaqsi, dwar il-caravan site, jekk il-Kunsill ta' Marsaskala nagħtax risposta mill-MEPA u mid-Direttur ġenerali tax-xogħolijiet pubbliċi dwar l-ittra li bagħat dwar il-Caravan site fil-Lokalita' ta' Marsaskala (area Żonqor)".*

***Risposta :***

Wara li l-Kunsill kien kiteb ittra lill-MEPA fis-27 ta' Mejju 2009 dwar il-*Caravan site,* il-Kunsill kien irċieva risposta fil-11 ta' Ġunju 2009 minn għandhom.

Ir-ripsota kienet li peress li l-oġġezzjoni tal-Kunsill kienet waslet wara d-data stipulata bil-liġi – Artiklu 32(5) tad-Development Planning Act (Cap 356) il-Kunsill mhux qed jiġi rikonoxxut bħala *registered objector*.

Għaldqastant jekk l-ittra tal-Kunsill tiġi kkunsidrata bħala oġġezzjoni ta' valur, l-ittra tiġi nnotata waqt il-proċess.

4.3 ***Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#009-9/12/09):***

*"Jistaqsi, jekk il-Kunsill jistgħax iressaq il-lista ta' toroq li għad iridu jsiru bit-tarmac mill-Kunsill u/jew gvern ċentrali fil-Lokalita` ta' Marsaskala".*

***Risposta :***

Skond il-lista li għandu l-Kunsill ta' toroq li huma responsabilita` tal-Gvern Ċentrali, t-toroq pendednti huma:

| | |
|---|---|
| Triq il-Kannizzata | Triq Frans Grech |
| Triq il-Buttuniera | P/o Triq Patri Wistin Born |
| Triq is-Skiet | Triq San Franġisk |
| Triq il-Latmija | P/O Promenade Bajja San Tumas |
| Triq bejn Triq il-Blajjiet u Triq San Anard | P/O Triq San Nikola |
| P/O Triq San Anard c/w Triq Haz Zabbar | P/O Triq l-Għaġuża |
| Triq Torri Mamo | Trejqet ix-Xibka |
| Triq il-Qawsalla | Triq ta' Rumi |

M'hemmx lista ta' toroq li huma responsabilita` tal-Kunsill għax dawn jiġu ssuġeriti mill-Kunsill stess.

4.4 ***Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Lawrence Ciantar (#010-9-12-09) :***

*"Jistaqsi, jekk il-Kunsill jistgħax iressaq il-lista ta' memos li nħarġu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-attenzjoni tal-Kunsill fix-xahar ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru".*

***Risposta:***

Ninfurmak li possibbli li nibgħatulhom b'email il-*memos* kollha li ħarġu fl-aħħar erba` xhur tas-sena.

5.0 ***Approvazzjoni ta' mpjieg ta' skrivana :***

Il-Kunsill ġie nfurmat li wara li saru diversi *interviews* lil kandidati li ġew issuġġeriti mill-ETC, is-Sinjura Marie Claire Attard ġiet magħżula bħala l-iktar waħda favorita għax għandha l-kwalifiki kollha neċessarji u tnax –il sena esperjenza f'Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill unanimament approva l-impjieg tagħha.

6.0 ***Ċelebrazzjonijiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena:***

6.1 **Bibita`:**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-bibita` ta l-ewwel tas-sena se ssir fid-9 ta'Jannar 2010 fis-sala tal-Knisja.

Il-Kunsill approva li tinħareġ talba għall-kwotazzjonijiet għal provediment tal-ikel għal 200 persuna u joħorġu nvitit għal 260 persuna.

6.2 **Ikla għall-istaff tal-Kunsill:**

Il-Kunsill approva li s-Sindku u Kunsilliera oħra jġibu menu's ta' xi tlett restoranti lokali biex wara ssir l-għażla.

7.0 ***Sotto Kumitati u xogħolijiet oħra***

7.1

Il-Kunsillier, is-Sur Daniel Spiteri qal li se jsir Sotto Kumitat ġdid għall-faċilitajiet sportivi u dan hu ffurmat mis- Sur Daniel Spiteri, is-Sur Joseph Farrugia, is-Sur Albert Spiteri, is-Sur David Blundel, is-Sur Stephen Bell u s-Sur James Borg.

Il-Kunsill approva.

7.2 Il-Kunsillier, is-Sur John B.Camilleri qal li jixtieq izid persuna fuq is-Sotto Kumitat tal-Wirt Storiku li huwa s-Sur Lawrence Cassar.

Il-Kunsill approva.

7.3 Ġie approvat mill-Kunsill li l-inviti tal-Bibita` għandhom jingħataw personalment mill-Kunsilliera lill-membri tas-Sotto Kumitati biex tigi ffankata l-posta.

7.4 Il-Kunsill approva li nqabdu l-Koptasin biex il-parkeġġ ta' Triq Santa Tereża u Triq Għar ix-Xama għandhom jinqalbu lejn id-direzzjoni li tkun ġejja l-karozza.

8.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

8.1 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja: (#0115- 16/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex titranġa l-bankina fi Triq Għar ix-Xama'. Din hija mkissra u ta' periklu. Kien hemm e-mail u lment mingħand resident."*

Din il-mozzjoni giet irtirata għax ix-xogħol sar.

8.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#0116- 16/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex jinbiddlu l-pożizzjonijiet tal-linji tal-parkeġġi fi Triq Għar ix-Xama'."*

Din il-Mozzjoni ġiet approvata unanimament.

8.3 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja(#0117- 16/10/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jirriżolvi li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana għandu jiġi sospiż minnufih mil-qadi ta' dmirijietu f'dan il-Lokal u nitlob id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għat-trasferiment immedjat tiegħu għal xi lokal ieħor.*

*Qiegħed nitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill rigward din ir-riżoluzzjoni għar-raġunijiet elenkati hawn taħt:*

1. Is-Sur Caruana waqt is-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2009 wera s-solitu diżrispett tiegħu kemm lejn is-Sindku u kemm lejn il-Kunsilliera l-oħra preżenti;
2. Assolutament ma jridx jammetti w jaċċetta li l-politika tal-Kunsill ifassalha l-istess Kunsill u li hu fid-dmir li jsegwi dak li l-Kunsill jordnalu wara deċiżjoni li jkun ha:
3. Fl-istess seduta ġiet approvata mozzjoni fejn tirrikmanda li wara r-reception desk biex jinqdew ir-residenti ma tibqax skrivana waħda għax impossibli li tlaħħaq mal-volum ta' xogħol li jkollha u tiżdied oħra, iżda s-Segretarju insista li hu l-amministratur assolut tal-istaff u li ħadd ma jindaħallu fit-tqassim tiegħu, meta fil-fatt ħadd ma qal li hu mhux responsabbli għall-amministrazzjoni iżda tfasslet politika li jinqdew aħjar iċ-ċittadini li hu irrifjuta li jesegwi;
4. Waqt is-seduta ma riedx joqgħod bil-qegħda u beda iqum u joqgħod bi skop li jħarbat is-seduta;
5. L-aġir tiegħu u kliemu kienu arroganti u skifuż, kif ukoll insolenti lejn il-persuna tas-Sindku;

- Wera bil-fatti li hu insubbordinat u indixxiplinat meta qabad u telaq il-barra mis-seduta u meta ġie ordnat biex jirritorna ma ta` każ ħadd u baqa tiela fl-uffiċċju tiegħu bil-karti u wara baqa niżel u telaq il-barra meta aħna il-Kunsilliera kullħadd baqa` postu. Kullħadd qallu li l-laqgħa ma` kinietx magħluqa:
- Qabel it-tluq bla permess tiegħu mis-seduta reġa sklama li kien hu li jikkmanda u għalhekk ġie sospiż dak il-ħin;
- Ebda Kunsill, ebda organizazzjoni ma tista tiffunzjona u tipprogressa meta r-ras eżekuttiva minflok tikkopera u tistinka, tfettaq fuq il-punt u l-virgola, tfixkel, tagħti l-gambetti u titrama biex jiġġamja kollox.
- Il-Kunsill huwa deċiż li jkollu Segretarju Ezekuttiv ħabrieki, koperattiv, ġentili, komunikattiv u li jimpurtah mill-ġid tal-lokal u tar-residenti tiegħu.

*Il-Kunsill Lokali jistenna risposta immedjata mid-Dipartiment tal-Kunsilli fis-sens li jirtira lis-Sur Caruana mill-kariga preżenti tiegħu ħalli jibdew il-proċeduri għall-impjieg ta’ Segretarju Eżekuttiv li jgħin lill-istess Kunsill u mhux ifixklu u jħarbtu”.*

Hekk kif is-Sindku kien ser jibda jaqra mozz nru 117 li kienet tirrigwardja it-trasferiment tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana, dan ta’ l-aħħar bis-soltu arroganza qal ‘din il-mozzjoni ma tistax tinqara għax ma’ hiex skond ir-regola’.

Is-Sindku nsista li għandha titressaq illum għax anke l-aħħar darba ma tressqitx.

F'dan il-waqt s-Segretarju Eżekuttiv ħareġ ittra mill-but tal-glekk u b'arroganza liema bħala tefaha fuq il-mejda quddiem is-Sindku peress li kienet indirizzata lis-Sidnku mis-Sur Josef Vella Segretarju tal-Entitajiet Pubbliċi tal-Unjin Ħaddiema Maqgħudin u fejn hu (is-Segretarju) qal li kienet direttiva fir-rigward tiegħu u ħareġ il-barra.

- ***Fid-9.00am., is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-laqgħa.***

| | |
|---|---|
| ***Joseph Caruana*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |